MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru. 52/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**George Vella ta' 46 sena bin Anthony u Gracy nee' Mizzi imwieled Nadur fis-27 ta' Frar 1962 u joqghod "Maria Bambina", Triq ta' Sajd, Nadur Ghawdex detentur tal-karta ta' l-identita' numru 14562(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Vella li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-2 u it-3 ta' Lulju 2008:

1. gewwa x-Xwejni Zebbug, Ghawdex, bejn il-kwarta u is-saghtejn ta' fil-ghodu (0015 – 0200) volontarjament gharraq il-hwejjeg ta' Charles Spiteri, billi pogga gebla fuq

il-bonnet tal-karozza bin-numru tar-registrazzjoni DBB972 liema hsara hija ta’ €174.70.

2. gewwa Marsalforn, Zebbug, Ghawdex ghal habta ta’ bejn is-siegha u nofs saghtejn (0130 – 0200) kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta u li taqta’ minghajr licenzja tal-Kummisaarju tal-Pulizija.

3. ukoll talli l-fl-istess data, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra il-persuna ta’ Manuel Joe Buttigieg kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, immitazzjoni ta’ arma tan-nar jew immitazzjoni ta’ arma regolari.

4. U fl-ahharnet fl-istess data, hin u cirkostanzi hedded serjament lil Manuel Joe Buttigieg b’arma.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat fis-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2008, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-26 ta’ Awissu 2008 sabiex dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-amissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax hlief tiehu in konsiderazzjoni l-pre-sentencing report maghmul fil-konfront tal-imputat u cioe’ ir-rapport tal-Probation Officer Ivan Sultana, u fuq kollox ir-rapport tal-espert psikjatra Dr. Anton Grech. Jidher illi l-imputat ghalkemm ma jbatix minn xi kundizzjoni psikjatrika, madanakollu huwa ibati mill-hekk imsejjha

“voyeurism”. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi iktar milli tigi inflitta piena karcerarja effettiva, l-imputat ghandu bzonn min jassistieh u isegwieh sabiex jikkontrolla dina l-kundizzjoni. B’hekk ikun jista’ jigi zgurat illi l-imputat ma jkunx ta’ fastidju ghal haddiehor bil-konsegwenza li jigu kommessi delitti simili jew iktar gravi minn dawk ir-reati li bihom l-imputat illum jinsab akkuzat.

Illi ghar-rigward tal-ahhar tlett akkuzi, il-Qorti sejra tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana peress illi l-arma intuzat ai fini tal-kummissjoni tar-reat indikat fir-raba akkuza u ghalhekk il-Qorti sejra timponi l-piena ghar-reat l-iktar gravi.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 6, 51(7) u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil-imputat George Vella hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ disa’ xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dana l-periodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Inoltre b’applikazzjoni tal-artikolu 28G, il-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta’ supervizjoni ghal zmien erba’ snin mil-lum, b’dana illi l-hati ghandu jibqa’ jiehu l-kura ghand psikjatra kif jidderigieh l-ufficjal sorveljanti.

Finalment b’applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tordna lill-hati sabiex ihallas lil Charles Spiteri s-somma ta’ mija u erbgha u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€174.70) bhala kumpens ghad-danni kagjonati lilu u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------